**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 24 ta' Mejju, 2018

Rikors Guramentat numru : 299/2016 AL

**A B**

**Vs**

**C B u**
**D B personalment**
**u bhala kuratrici tal-minuri Z B**
**u**
**R S**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi minn relazzjoni li kellhom mal-intimata Ritianne S twieled tifel Z B fit-28 ta' Marzu 2014 kif jidher mill-anness certifikat tat-twelid Dok A;

Illi fl-atti tal-medjazzjoni numru 1103 / 16 AL din il-Qorti ordnat li l-kura u kustodja tal-minuri Z B tigi vestita fin-nanniet paterni li huma l-konvenuti l-ohra f'din l-kawza u li jigu l-genituri tal-attur u n-nanniet paterni tal-istess minuri (kopja digriet dok B);

Illi n-nanniet paterni tal-minuri huma l-konvenuti C u D konjugi B;

Illi tali digriet inghata fuq rakkomandazzjoni tal-Agenzija Appogg li ilhom isegwu lil minuri ghal dawn l-ahhar sentejn.

Illi dwar l-istess minuri u dwar huh li twieled minn relazzjoni ohra li kellha l-omm il-konvenuta, ghaddejjin proceduri fir-rikors generali numru 380/14 RMG liema proceduri ghadhom pendenti;

Illi ghalhekk ikun ghaqli li anke din l-kawza tinstema kontestwalment flimkien mal-proceduri fl-atti tar-rikors generali 380/14 RMG tenut kont ukoll li anke l-access tal-minuri Z huwa wkoll regolat f'dawn l-atti kif jirrizulta mill-anness Dok C;

Illi f'dawn il-proceduri hemm ukoll involuti l-Agenzija Appogg li qed jimmonitorjaw kemm il-minuri mertu ta' din l-kawza u kif ukoll il-minuri li ghandha l-konvenuta minn relazzjoni ohra.

Illi din l-Qorti ordnat l-proceduri tal-medjazzjoni maghluqa fl-1 ta' Novembru 2016 u awtorizzat lill-attur jipprocedi b'kawza (kopja digriet Dok D).

Illi din il-kawza qed issir stante li t-terminu ta' xahrejn jiskadi fl-ewwel ta' Jannar 2017 .

Illi huwa jixtieq li tali minuri jibqa fil-kura u kustodja tal-genituri tieghu l-konvenuti l-ohra jew tigi affidata lilu kemm-il darba l-Agenzija Appogg tirrakomanda dan.

Illi huwa jghix mal-genituri tieghu l-intimati l-ohra f’din l-kawza.

Talab li l-konvenuti jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tafda f’idejn r-rikorrenti atturi l-kura u kustodja legali tal-minuri Z B lill konvenuti C u D konjugi B jew lill-attur skond kif jidhrilha xieraq din il-Qorti;
2. Tikkundanna lill konvenuta l-ohra om mil-minuri sabiex thallas manteniment xieraq skond il-ligi ghall-istess minuri bil-modalita ta’ jum, hin u lok li jigu wkoll iffissati;
3. Tordna li r-residenza tal-istess minuri tibqa kif inhi fil-prezent cioe mal-genituri paterni tal-minuri cioe l-konjugi C u D B jew mal-attur skond il-kaz;
4. Tordna li c-children’s allowance u/jew kull beneficcju iehor rigward l-istess minuri jkunu percepibbli mill-intimati l-konjugi C u D B jew lill-attur skond il-kaz;
5. Tordna li l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha tal-istess minuri ta’ natura straordinarja ghandhom jithalsu mil-attur u mil-konvenuta omm il-minuri R S konguntivament;
6. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuratur sabiex jirraprrezenta l-eventwali kontumacia tal-konvenuti jew min minnhom;
7. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat in-nota tal-intimati C B u ta’ D B personalment u bhala kuraturi tal-minuri Z B tal-21 ta’ Frar 2017 li permezz taghha huma qed jaghtu ruhhom notifikati bir-rikors guramentat tal-attur binhom b’effett mil-lum u jinfurmaw lil Qorti li huma ma ghandhomx oggezzjoni ghat-talbiet tal-attur.

Rat illi l-konvenuta S debitament notifikata[1], ma ppreżentatx risposta ġuramentata u għaldaqstant hija kontumaċi;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat ukoll l-atti tal-medjazzjoni bejn il-partijiet innumerati 1294/14CB3 u 1103/16CB3, kif ukoll l-atti tar-rikors ġenerali 280/14RGM, ilkoll allegati mal-proċess odjern, kif debitament awtorizzat mill-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti u semgħet ix-xhieda;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dottor Abigail Critien;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensur tal-attur[2];

Rat illi l-kawża ġiet diffeD għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

## Konsiderazzjonijiet

Il-kawża odjerna titratta l-kura u l-kustodja tal-minuri Z B imwieled fis-26 ta' Marzu 2014[3], minn relazzjoni bejn l-attur A B u l-konvenuta R S.

Illi permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Mejju 2016[4], il-Qorti kif diversament presjeduta laqgħet ir-rakkomandazzjonijiet kollha

---

[1] Fis-26 t'April 2017, fol. 20;

[2] Fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 2018, fol. 204

[3] Ċertifikat tat-twelid esebit fol. 4

[4] Fol. 49

magħmula mill-Aġenzija Appoġġ fir-rapport tagħha tal-25 ta' Mejju 2016[5] u adottathom bħala tagħha. L-Aġenzija waslet għar-rapport tagħha wara li kienet ilha ssegwi lill-minuri mertu ta' din il-kawża, kif ukoll lil ħuh Jayden S (mhux mill-istess missier) għal qrib is-sena. Ir-rakkomandazzjonijiet li jirrigwardaw il-minuri Z kienu:

1. Li jibqa' jirrisjedi fid-dar tan-nanniet paterni il-konjuġi B;
2. Li ommu jkollha aċċess kull nhar t'Erbgħa mill-5.30pm sas-7.30pm u matul tmien il-ġimgħa b'mod li jalterna bejn is-Sibt u l-Ħadd bejn l-4.00pm u s-700pm.
3. Li l-minuri ma jkunx fil-preżenza ta' Blazio Buttigieg li jiġi missier Etienne Buttigieg, is-sieħeb tal-omm, għalkemm Etienne jista' jkun preżenti.
4. L-aċċess jiġi rivedut wara sitt xhur.
5. Jibqa' jkun hemm monitoring mill-Aġenzija Appoġġ fuq is-sitwazzjoni tal-minuri.
6. Il-missier A B u n-nannu patern, missieru C B javviċinaw l-Aġenzija Sedqa sabiex isiru t-testijiet neċessarji tad-droga.

Illi peress li l-omm bdiet ixxekkel il-monitoring tal-Aġenzija Appoġġ kif ordnat bid-digriet appena ċċitat, permezz ta' digriet tal-4 ta' Lulju 2016[6], il-Qorti ordnat illi l-istess monitoring jiġi enforzat miċ-Child Protection Services bl-assistenza tal-Pulizija u Marixxalli tal-Qorti.

Illi permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti fil-21 ta' Settembru 2016[7], il-kura u l-kustodja tal-minuri Z, ġiet fdata lin-nanniet paterni tal-minuri ossia il-konvenuti C u D konjuġi B.

---

[5] Fol. 35

[6] Kopja legali tad-digriet tinsab esebita Fol. 53;

[7] Kopja tad-digriet tinsab esebita fol. 5 u kopja legali fol. 71;

Illi permezz ta' digriet ieħor mogħti fid-29 ta' Novembru 2016[8], il-Qorti ordnat aċċess versu l-omm, il-konvenuta R S, darba fil-ġimgħa għal sagħtejn taħt is-superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ iżda barra mill-edifiċċju tal-Aġenzija. Ordnat ukoll aċċess taż-żewġ minuri flimkien (Jayden S u Z B) taħt is-superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ.

Dan id-digriet ġie varjat permezz ta' digriet ieħor mogħti fil-21 ta' Marzu 2017[9] illi permezz tiegħu il-Qorti ordnat illi l-aċċess bejn il-minuri Z u ommu jieqaf, u l-aċċess ma' ħuh Jayden ġie modifikat billi darba fi ħmistax, il-minuri jkollu sleepover (bejn il-Ġimgħa fis-6.00pm sal-Ħadd fis-2.00pm) flimkien ma' ħuh fir-residenza tal-konjuġi B.

## PROVI PRODOTTI

Rat ix-xiehda mogħtija minn **Paul Sammut**, il-kap tal-iskola San Benedettu Primarja Żurrieq[10] illi kkonferma illi l-minuri Z jattendi l-iskola tiegħu b'mod regolari. Huwa dejjem ra lill-konvenuta D B l-iskola, tant li kien jaħsibha omm il-minuri meta fil-veD` hija n-nanna tiegħu. *"Qatt ma kien hemm ilmenti fuq l-indafa tiegħu jew fuq il-lunch. Dejjem up to standard u kull meta kellna xi laqgħa l-iskola, u sejjaħna lil D B dejjem ġiet. Peress li l-kura u l-kustodja hi tan-nanna D B aħna nikkomunikaw magħha. Lil omm it-tifel ma nafhiex għax qatt m'għamlet kuntatt personali miegħi."*

Rat ix-xiehda mogħtija minn **WPC 204 Marica Bugeja**[11], illi esebiet tnejn u għoxrin (22) rapport[12] illi saru mal-Pulizija

[8] Kopja tad-digriet tinsab esebita fol. 6 u kopja legali fol. 62 u fol. 72;

[9] Kopja legali tad-digriet tinsab esebita fol. 65;

[10] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Abigail Critien fit-18 t'Ottubru 2017, fol. 27 ;

[11] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudiżżjarju Dottor Abigail Critien fl-24 ta' Jannr 2018, fol. 75;

[12] Dok. MB 1 sa MB 22 fol. 78 et seq.

Eżekuttiva minn A B jew il-ġenituri tiegħu C u D B fil-konfront tal-konvenuta R S, li wieħed u għoxrin (21) minn dawn ir-rapporti jirrigwardaw in-nuqqas t'aċċess tal-konvenuta S fil-konfront ta' binha Z.

Rat ix-xiehda mogħtija mill-**attur**[13], li spjega illi huwa sar jaf lill-konvenuta S meta din kienet tqila b'tarbija ta' terz. Meta twieled it-tifel li jismu Jayden, il-konvenuta bdiet tirrisjedi mal-attur fir-residenza tal-ġenituri tiegħu, il-konvenuti B. Kienet D B li bdiet tieħu ħsieb Jayden, Wara ftit taż-żmien, A u R marru jgħixu għal rashom u l-konvenuta S ħarġet tqila mill-attur. Wara t-twelid ta' Z, il-minuri mertu ta' din il-kawża, il-partijiet reġgħu bdew jirrisjedu mal-ġenituri tal-attur. Meta kellu xi tliet xhur, huma ħassru r-relazzjoni tagħhom u l-konvenuta telqet mid-dar tal-konjuġi B u magħha ħadet lil Jayden, l-iben tagħha minn terz. Kienu l-familja B li ħadu ħsieb il-magħmudija taż-żewġ subien wara li ngħata digriet mill-Qorti u l-konvenuta ma kinitx attendiet. Żied illi kemm ilu li fetaħ din il-kawża, hija qatt ma ġiet għall-minuri Z jew staqsiet għalih. Ikkonferma li hu m'għandu l-ebda oġġezzjoni li l-kura u l-kustodja ta' Z tkun fdata f'idejn il-ġenituri tiegħu. Rigward l-ispejjeż huwa xehed "L-ispejjeż ta' Z jinqassmu bejni u bejn il-ġenituri tiegħi."

Rat ix-xiehda mogħtija mill-konvenuta **D B**[14] li tiġi omm l-attur u n-nanna tal-minuri Z. Hija spjegat illi meta binha A sar jaf lil R, dina kienet tqila minn ħaddieħor. Dak iż-żmien R kellha biss ħmistax-il sena. Hija bdiet tirrisjedi mal-familja tax-xhud. Għall-bidu x-xhud m'aċċettatx ir-relazzjoni ta' binha ma' R billi kienet tqila minn ħaddieħor iżda mbagħad aċċettatha f'darha u kienet taġixxi qisha ommha billi tmur magħha għall-visti tat-tqala u għamlitilha wkoll il-baskett tal-isptar. Meta R welldet, D marret l-isptar magħha flimkien ma' binha A. Malli welldet u ħarġet mill-isptar marret tgħix għandha bit-tifel. Għal xi xahar, R marret tgħix għand in-nanna tagħha u ħalliet lit-tarbija Jayden għand

---

[13] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudiżżjarju Dottor Abigail Critien fl-24 ta' Jannar 2018, fol. 75;

[14] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudiżżjarju Dottor Abigail Critien fis-16 ta' Frar 2018, fol. 138;

ix-xhud għax qaltilha li ma kinitx taf tieħu ħsiebu, għalkemm ġieli kienet tmur tarah u tieħdu għal ftit sigħat.

Tmien xhur wara, R ħarġet tqila minn A u fis-26 ta' Marzu 2014, twieled il-minuri Z. Huma reġgħu kienu magħha l-isptar u A kien jaqsam l-ispejjeż max-xhud, peress li kien jaħdem full-time. Wara tmien xhur mit-twelid ta' Z, R u A ma baqgħux flimkien. R telqet mir-residenza tax-xhud imma A, Z u Jayden baqgħu hemm. Sussegwentement Jayden mar jirrisjedi m'ommu fuq ordni tal-Qorti.

Z għadu jgħix max-xhud. Ommu ma tmurx tarah. Meta kellha ordnat l-aċċess favur tagħha, aktar ma tmurx milli tmur. Fil-fatt, ix-xhud esebiet nota[15] bid-dati li fihom suppost kellu jsir l-aċċess ta' R favur Z, b'notament jekk sarx jew le. Preżentement hija flimkien ma' żewġha għandhom il-kura u l-kustodja ta' Z u tixtieq li tibqa' hekk għaliex dejjem huma rabbewh.

## PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli[16] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

[15] Fol. 143

[16] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP;

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[17], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et [18] u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[19] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-ulied minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[20]. Għandha wkoll is-setgħa li, ai termini tal-Artikolu 158 tal-Kodiċi Ċivili, tqiegħed tfal ta' taħt l-età taħt tutela meta l-ġenituri tagħhom ikunu mietu jew ikunu tilfu s-setgħa tal-ġenituri. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. *"Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-*

[17] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;

[18] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;

[19] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP);

[20] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

*minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata."*[21]

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

Kif jaf kulħadd, meta l-Qorti tiġi biex tistabbilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda fl-artikolu 20 ta' l-istess Kapitolu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-***

---

[21] Frances Farrugia vs. Duncan Caruana, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL)

***pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.***

<u>APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN</u>

Illi <u>dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri</u>, jiġi rilevat illi A, missier il-minuri Z, huwa parteċipi fit-trobbija tat-tifel u dejjem kien parteċipi fil-kura tiegħu. Illi għalhekk fil-fehma tal-Qorti, huwa mexa korrettement fil-konfront t'ibnu u m'għamel xejn li jistħoqqlu jitlef l-awtoD` ta' ġenitur fuq il-minuri.

Inoltre inġiebu provi suffiċjenti illi jindikaw illi n-nanniet paterni tal-minuri Z huma idoneji biex ikunu afdati bil-kura u l-kustodja tiegħu. Kienu dawn in-nanniet li rabbewh mit-twelid u li ħasbu għall-ħtiġijiet materjali tiegħu sa minn qabel it-twelid. L-involviment tal-omm kien wieħed minimu fl-ewwel ftit xhur ta' ħajtu, iżda sal-preżenti inqata' għal kollox, tant illi hija ma tmurx tara lill-minuri u lanqas iċċempel biex tara jekk jinsabx tajjeb.

Il-minuri Z ilu segwit mill-Aġenzija Appoġġ sa mit-twelid tiegħu in vista li ommu R kienet għadha taħt l-eta`meta twieled. Il-ħaddiema soċjali investigaw l-allegazzjoni li missier it-tarbija, A kif ukoll in-nannu jagħmlu użu minn sustanzi lleċiti, iżda dawna issottomettew ruħhom volontarjament għand l-Aġenzija Sedqa biex saru l-verifiki neċessarji. Minkejja li n-nannu patern il-konvenut C B kien fil-passat involut f'episodji ta' vjolenza domestika fil-konfront ta' martu D, il-ħaddiema soċjali fl-ebda

stadju ma ħassew illi l-minuri jista' jkun f'xi periklu waqt li fil-preżenza tan-nannu. Dwar in-nanna D, jidher li din tindokra lit-tifel mill-aħjar li tista', mhux biss billi titimgħu, taħslu u taħsillu ħwejġu, iżda tippartecipa fl-edukazzjoni tiegħu daqslikieku ommu.

Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi l-minuri għandu jkun fil-kura u l-kustodja tal-attur missieru, iżda l-attur u l-minuri għandhom jibqgħu jirrisjedu fir-residenza tal-ġenituri tal-attur, sabiex l-attur ikollu l-assistenza prattika kollha li jkun meħtieġ fit-trobbija ta' ibnu.

Rigward l-omm naturali, il-Qorti tifhem l-isfidi li għandha l-istess tfajla, il-konvenuta R S, meta ta ħmistax-il sena sabet ruħha tqila filwaqt li hija stess kienet għadha tifla. Jirriżulta li ma tantx sabet sostenn mill-ġenituri tagħha, li tefgħuha l-barra minn darhom u għalhekk kellha ssib refuġju mal-konvenuti B. Illi t-tarbija, tifel imsemmi Jayden twieled bi bżonnijiet speċjali u għalhekk it-trobbija tiegħu hija ta' sfida ikbar għall-omm. Il-Qorti tifhem li l-istess R għandha diġa *hands full* bit-trobbija ta' Jayden u l-appuntamenti frekwenti tiegħu, imma ma jistax ma jkunx innotat li hija tonqos meta ma tagħmilx kuntatt u ma tieħux interess f'binha l-ieħor Z.

Anke jekk fortunament Z sab lin-nanna disposta li timla l-vojt tal-omm, xorta waħda jkun ta' benefiċċju għalih illi l-omm naturali tiegħu tagħmel l-isforz li terġa' tibni kuntatt miegħu. Meta ngħatat l-opportunita li tagħmel dan billi ġew stipulati ħinijiet tal-aċċess versu l-omm, din wriet ruħha bierda jew immatura għaliex ma pprofittatx ruħha mill-aċċess u kienet iktar ma tmurx milli tmur.

Illi sabiex ma ssirx iktar ħsara lill-minuri, f'dan l-istadju l-Qorti m'hijiex ser tiffissa aċċess tal-minuri Z versu l-omm iżda tissolleċita lill-omm sabiex qabel ma jkun tard wisq timpenja ruħha li ssib il-ħin biex tara lil Z u tressaq talba lill-Qorti f'dan is-sens.

Rigward il-manteniment, ma tressqu ebda provi relattivi għall-introjtu li jipperċepixxu l-attur u l-konvenuta R S. Dwar l-attur, il-Qorti taf biss li dan għandu impjieg fiss. Dwar il-konvenuta, x'aktarx li din tirċievi xi benefiċċji bħala *single mother* u talli tieħu ħsieb ukoll lin-nanna. Ma jirriżultax illi hija għandha xogħol bi qligħ.

Kif intqal, l-obbligu tal-manteniment jispetta lill-ġenituri tal-ulied. Dan huwa obbligu assolut, irrispettivament mill-impjieg o meno tal-persuna. Huwa wkoll irrelevanti jekk l-istess ġenitur ikollux jew le l-awtoD` ta' ġenitur fuq il-minuri.[22] Bħalma din il-Qorti dejjem tenniet[23], qatt m'hi disposta li taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u tgħabbi bil-piż finanzjarju tat-trobbija tagħhom lill-ġenitur l-ieħor waħdu jew inkella lill-istat. Wisq inqas ser tkun disposta li taċċetta li l-piż finanzjarju jmur fuq in-nanniet. Illi għalhekk l-attur għandu jaċċerta ruħu li jkun hu li jerfa' l-piż finanzjarju għat-trobbija t'ibnu u mhux il-ġenituri tiegħu. Illi inoltre, żgħir kemm huwa żgħir l-introjtu tal-konvenuta S, hija għandha wkoll tikkontribwixxi għall-għixien ta' binha Z.

Fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, il-Qorti qiegħda tistabilixxi manteniment għall-minuri Z fis-somma ta' mitt Ewro (€100) kull erba' ġimgħat, pagabbli mill-konvenuta S lill-attur. Il-manteniment iffissat ikopri wkoll l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri u jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Il-pagament tal-manteniment jista' jinqata' minn kwalsiasi benefiċċju soċjali li possibilment qed tipperċepixxi l-konvenuta S u mibgħut direttament lill-attur. Il-konvenuta tibqa' tħallas il-manteniment ta' binha lill-attur sakemm dan jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Iżda fl-eventwalita` li Z jibqa' jistudja, fuq bażi *full-time*, wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm huwa jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji

---

[22] Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet Amanda Briffa vs. Stephen Fenech, deċiża minn din il-Qorti fl-14 ta' Diċembru 2017 (Rikors Ġuramentat 4/2011AL);

[23] Ara fost oħrajn is-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet Jolene Cordina vs. Douglas Briffa, deċiża fil-25 t'April 2018 (Rikors Ġuramentat: 209/16AL) u Marcon sive Connie Camilleri vs. Gianluca Torres, deċiża fis-27 t'April 2017 (Rikors Ġuramentat 267/15AL);

tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children's allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attur.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Z B unikament lill-attur, b'dan illi l-attur u ibnu għandhom jirrisjedu mal-konvenuti C u D B;

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi billi tikkundanna lill-konvenuta R S tħallas lill-attur is-somma ta' mitt Ewro (€100) kull erba' ġimgħat, rappreżentanti manteniment għal binha Z. Il-manteniment iffissat ikopri wkoll l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri u jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Il-pagament tal-manteniment jista' jinqata' minn kwalsiasi benefiċċju soċjali li possibilment qed tipperċepixxi l-konvenuta S u mibgħut direttament lill-attur. Il-konvenuta tibqa' tħallas il-manteniment ta' binha lill-attur sakemm dan jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Iżda fl-eventwalita` li iben il-partijiet jibqa' jistudja, fuq bażi *full-time*, wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm huwa jagħla l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel.

3. Tilqa' t-tielet talba attriċi u tordna illi l-minuri jibqa' jirrisjedi mal-konjuġi C u D B, fejn għandu jirrisjedi wkoll l-attur;

4. Tilqa’ r-raba’ talba u tordna illi kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children’s allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attur.

5. Tiċħad il-ħames talba in kwantu dina titlob illi l-konvenuta S tikkontribwixxi għall-ispejjeż straordinarji ta’ saħħa u edukazzjoni tal-minuri, stante illi kif intqal, dawn l-ispejjeż huma inklużi fil-manteniment pagabbli minnha;

6. Tiċħad is-sitt talba stante li mhix meħtiega;

L-ispejjeż ikunu sopportati mill-konvenuta R S.